**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2005**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: SIEGĦA**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** __________

**A. Agħmel sinjal taħt dawk l-affarijiet li għandna nagħmlu fil-knisja.**

***(10 marki)***



1. nitgħammdu
2. nitolbu
3. niċċelebraw il-festi
4. nieħdu sehem fil-purċissjoni
5. inqerru
6. inpaċpċu mal-ħbieb
7. nistudjaw l-Ingliż
8. nirċievu l-Griżma
9. nitqarbnu
10. inservu ta' abbatini
11. naqraw xi rumanz sabiħ
12. nilagħbu noli
13. nisimgħu l-quddies
14. nitolbu l-Via Sagra
15. nibagħtu xi messaġġ bil-*mobile*
16. nisimgħu d-diski fuq il-*walkman*

**B. Imla l-vojt fis-sentenzi li ġejjin b'dawn il-kliem.** ***(10 marki)***
**L-ewwel sentenza hija eżempju.**

tliet , maltempata, Malta, anġlu, erbatax, Ġesù, alla, ġifen, lifgħa, Ruma, ħuġġieġa

1. San Pawl telaq mill-Palestina għal *Ruma* biex jidher quddiem il-qorti.
2. Meta kienu f'nofs ta' baħar, qamet ____________________.
3. Dawk li kienu fuq il- ____________________ beżgħu li se jegħrqu.
4. San Pawl ra ____________________ li qallu li ħadd ma kien se jmut.
5. Wara ____________________ -il ġurnata ndunaw li kienu resqin lejn l-art.
6. Ħabtu ma' gżira li kien jisimha ____________________.
7. In-nies tal-gżira qabdulhom ____________________.
8. Min-nar telgħet ____________________ li gidmet lil San Pawl.
9. Meta raw li ma ġralu xejn ħasbu li kien xi ____________________.
10. San Pawl beda jgħallimhom fuq ____________________.
11. San Pawl dam fuq il-gżira ____________________ xhur.

**Ċ. Qabbel dawn is-sentenzi. L-ewwel waħda lesta, bħala eżempju.** ***(10 marki)***



| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-Papa jħobb lin-nies | | bil-magħmudija. |
| 2. | L-ewwel Papa | | f'Ruma. |
| 3. | Ġesù qal lil Pietru | | il-Papa jmexxi l-Knisja. |
| 4. | San Pietru miet | | kien San Pietru. |
| 5. | Fil-post fejn indifen San Pietru | | il-Knisja bniet djar għax-xjuħ u l-orfni. |
| 6. | Minn Ruma | | kien San Pawl. |
| 7. | Minflok San Pietru | 1 | tad-dinja kollha. |
| 8. | Minflok l-Appostli | | bnew knisja kbira għalih. |
| 9. | Biex tgħin lill-foqra | | biex jirgħa n-nagħaġ tiegħu. |
| 10. | L-Appostlu li l-aktar li ġera d-dinja | | illum għandna l-isqfijiet. |
| 11. | Aħna dħalna fil-Knisja ta' Ġesù | | illum għandna lill-Papa. |

**D. Il-familja t'Alla tobdi l-ewwel lil Alla. Inti għandek tobdi meta...** ***(10 marki)***

***Agħmel marka taħt Iva jew Le, bħal fl-ewwel sentenza.***

| | | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| 1. | sħabek jgħidulek biex tigdeb ħalli ma jiħdux kastig? | | ✓ |
| 2. | l-għalliem jagħtik ix-xogħol x'tagħmel? | | |
| 3. | il-ġenituri jibagħtuk tixtri? | | |
| 4. | sħabek jgħidulek biex tiġġieled? | | |
| 5. | xi mara xiħa titolbok l-għajnuna? | | |
| 6. | tifla refuġjata titolbok biċċa ċikkulata? | | |
| 7. | il-ġenituri jgħidulek tmur dritt id-dar wara d-duttrina? | | |
| 8. | raġel ma tafux jistiednek tmur miegħu? | | |
| 9. | tifla oħra tgħidlek biex ma tilgħabx ma' ħabiba tiegħek? | | |
| 10. | sħabek jgħidulek tmur magħhom il-knisja? | | |
| 11. | il-katekist igħidlek biex ma tfallix id-duttrina? | | |

**E. Qabbel dawn biex turi li taf min huma dawn il-persuni.** *(10 marki)*
**Ara l-eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Ġesù | | il-mexxej tal-parroċċa |
| 2. | Il-Madonna | | Ġwanni Pawlu II |
| 3. | San Ġużepp | 1 | ir-Ragħaj it-Tajjeb |
| 4. | San Pietru | | Mons Ġużeppi Mercieca |
| 5. | San Stiefnu | | gvernatur Ruman |
| 6. | San Publiju | | l-ewwel Papa |
| 7. | Kien Papa | | omm Ġesù |
| 8. | L-isqof ta' Malta | | l-ewwel martri |
| 9. | L-isqof ta' Għawdex | | l-ewwel isqof ta' Malta |
| 10. | Pilatu | | missier Ġesù |
| 11. | Il-kappillan/L-arċipriet | | Mons Nikol Cauchi |

**F. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar id-dar tal-familja t'Alla.** *(10 marki)*



1. X'insejħulu l-post fejn inżommu l-ewkaristija?

_______________________________

2. X'insejħulha l-mejda li fuqha ssir il-quddiesa?

_______________________________

3. X'insejħulha x-xemgħa li tfakkarna li Ġesù qam mill-mewt?

_______________________________

4. X'insejħulhom l-erbatax-il kwadru li jfakkruna fil-passjoni ta' Ġesù?

_______________________________

5. Liema hi l-aktar ħaġa importanti li naraw fil-knisja?

_______________________________

**Ġ. Kompli dawn is-sentenzi. L-ewwel waħda hija eżempju.** ***(20 marka)***

1. L-ewwel insara kienu jgħaddu l-flus li jaqilgħu lill-Appostli biex *jitqassam kollox bejn kulħadd skond il-bżonn ta' kull wieħed.*

2. L-Ispirtu s-Santu ta kuraġġ lill-Appostli biex ______________________

3. Ix-xogħol ta' San Stiefnu kien ______________________

4. Meta Ġwanni u Pietru raw raġel li ma setax jimxi ______________________

5. Meta l-kbarat ordnaw lill-Appostli biex ma jippridkawx ______________________

6. L-ewwel insara xterdu mad-dinja biex ixandru ______________________

7. L-ewwel insara bdew jiċċelebraw jum il-Ħadd flok is-Sibt għax ______________________

8. L-ewwel insara kienu jmorru kuljum fit-tempju biex ______________________

9. L-ewwel insara f'Malta bdew jemmnu f'Ġesù għaliex ______________________

10. L-ewwel parroċċa f'Malta kienet ______________________

11. L-ewwel insara f'Malta kienu jidfnu l-mejtin tagħhom fil- ______________________

**G. Semmi** ***(10 marki)***

a. erba' affarijiet li jġibu l-paċi fid-dinja.

1. ______________________
2. ______________________
3. ______________________
4. ______________________

b. erba' affarijiet li suppost tagħmel int għall-familja tiegħek bħala nisrani/nisranija.

1. ______________________
2. ______________________
3. ______________________
4. ______________________

ċ. żewġ affarijiet li għandek tagħmel waqt il-logħob bħala nisrani/nisranija.

1. ______________________
2. ______________________

**GĦ. Ħares lejn din l-istampa ta' Ġesù jilgħab ma' sħabu meta kien tifel. Wara wieġeb il-mistoqsijiet.** ***(10 marki)***



**Ġesù jilgħab mat-tfal ta' Nażaret**

1. Kif kien iġib ruħu Ġesù mat-tfal sħabu waqt il-logħob?

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Min kienu l-ħbieb ta' Ġesù meta kiber u sar raġel?

_______________________________________________

3. Kif kien jgħaddi l-ħin tal-mistrieħ tiegħu Ġesù meta kiber?

_______________________________________________

4. Agħti ŻEWĠ eżempji kif waqt il-logħob tista' ġġib ruħek kif irid Ġesù.

a. _______________________________________________

b. _______________________________________________